**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta’ Ottubru 2024**

Rikors Numru: 315/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2045/2013)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-partijiet izzewgu gewwa l-Knisja tal-Mellieha nhar it-tnax ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (12/07/2013) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru progressiv 1121/2013 u dan kif jidher mill-kopia tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi l-esponenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr Dorianne Arapa datat inax t' Ottubru tas-sena elfejn wiehed u ghorin (12/10/2021) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B'.

3. Ill minn din ir-relazzjoni l-partijiet kellhom zewgt itfal ossija D B, li twieled fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u E B, li twieled fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'C' and Dok 'D'.

4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati mis-sena elfejn u wiehed u ghoxrin ghalhekk ghal aktar minn sena (1) matul l-ahhar (2) precedenti dan l-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ammendat permezz tal-Att XXV tal-2021;

5. Ili dwar manteniment l-esponenti tiddkjara al termini ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa L-intimat jinsab residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk prezentament ma jistax jhallas il-manteniment tat-tfal minuri;

6. Mi dawn il-fatti hawn fug imsemmila fissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bein il-partitiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lit-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghalhekk minn din il-Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta’ Awwissu 2024;

Semgħet lill l-intimat preżenti fl-awla jwieġeb li m'għandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Ottubru 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.